Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10255/24

LIMITE

JAI 866
COPEN 278
DROIPEN 156
FREMP 261
SOC 393
CODEC 1338

PUBLIC

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0250(COD)**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI<br>- Approċċ ġenerali |

## I. SFOND

1. Fit-12 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI[1], li għandha l-għan li tindirizza problemi speċifiċi li jeħtieġu titjib immirat fil-qafas eżistenti, sabiex jittejjeb l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-vittmi.

[1] 11840/23.

2. L-abbozz ta' Direttiva huwa bbażat fuq l-Artikolu 82(2)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (proċedura leġiżlattiva ordinarja).

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-13 ta' Diċembru 2023[2].

4. Il-Grupp ta' Ħidma COPEN iddiskuta l-proposta fil-laqgħat tiegħu tat-22 ta' Settembru 2023, is-16 ta' Ottubru 2023, l-10 ta' Jannar 2024, it-23 ta' Frar 2024, il-15 ta' Marzu 2024, il-15 u s-16 ta' April 2024 u s-17 ta' Mejju 2024, u qabel dwar it-test fl-anness ta' din in-nota.

5. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (FEMM) għandhom ir-responsabbiltà ewlenija. María Soraya Rodríguez Ramos u Javier Zarzalejos inħatru rapporteurs. Ir-rapport ġie ppreżentat fil-25 ta' Marzu 2024; il-Parlament Ewropew adotta l-mandat ta' negozjar tiegħu fis-sessjoni plenarja tal-11 ta' April 2024, u l-proposta ġiet riferuta lill-Kumitat/i għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) u d-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (FEMM) biex jinbdew negozjati interistituzzjonali.

## II. KONKLUŻJONI

6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:

(a) jikkonferma l-qbil dwar it-test tal-approċċ ġenerali, kif jinsab fl-Anness[3] ta' din in-nota, u

(b) jirrakkomanda li l-Kunsill jilħaq approċċ ġenerali kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota, permezz ta' punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, biex il-Presidenza tkun tista' twettaq dawk in-negozjati.

---

[2] ĠU C, C/2024/1592, 5.3.2024, p. 1

[3] Il-modifiki fir-rigward tal-proposta oriġinali huma indikati b'**tipa grassa** jew bi [...].



PUBLIC

<u>**ANNESS**</u>

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI**

PUBLIC

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 82(2)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[4],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[5],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

---

4 ĠU C, C/2024/1592, 5.3.2024, p. 1
5 ĠU C , , p. .

Billi:

(1) Sabiex jiġi żgurat li l-vittmi tal-kriminalità jirċievu informazzjoni, appoġġ u protezzjoni xierqa u jkunu jistgħu jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, l-Unjoni adottat id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6].

(2) Il-Kummissjoni vvalutat kif il-vittmi jkunu aċċessaw id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ppubblikat ir-riżultati tagħha fir-rapport ta' evalwazzjoni[7]. L-evalwazzjoni turi li, għalkemm id-Direttiva 2012/29/UE tat b'mod ġenerali l-benefiċċji mistennija u affettwat id-drittijiet tal-vittmi b'mod pożittiv, għad hemm problemi speċifiċi relatati mad-drittijiet tal-vittmi fl-ambitu ta' din id-Direttiva. In-nuqqasijiet identifikati jinkludu kapaċità insuffiċjenti li wieħed jiddependi fuq id-drittijiet tal-vittmi li jaċċessaw l-informazzjoni, l-appoġġ u l-protezzjoni f'konformità mal-ħtiġijiet individwali ta' kull vittma, li jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali u li jirċievu deċiżjoni dwar il-kumpens mill-awtur tar-reat matul proċedimenti kriminali. Din ir-reviżjoni tad-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **għandha l-għan li** twieġeb[...] għal [...]nuqqasijiet murija fl-evalwazzjoni tagħha u f'diversi konsultazzjonijiet.

---

[6] Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57).

[7] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Evalwazzjoni tad-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 (SWD/2022/0179 final).



PUBLIC

(3) Sabiex il-vittmi jingħataw mezzi bla xkiel u moderni biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmluha possibbli għall-vittmi li jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Jenħtieġ li l-vittmi jgawdu l-possibbiltà li jużaw**, fejn disponibbli,** għodod elettroniċi biex jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom, jirrapportaw ir-reati u jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti u mas-servizzi ta' appoġġ permezz ta' teknoloġiji **tal-informazzjoni u** tal-komunikazzjoni [...]. Jenħtieġ li l-vittmi jkunu jistgħu jagħżlu **bejn** il-metodi ta' komunikazzjoni **magħmula disponibbli**, u l-Istati Membri **jistgħu [...]** jipprevedu tali teknoloġiji **tal-informazzjoni u** tal-komunikazzjoni [...] bħala alternattiva għall-metodi standard ta' komunikazzjoni, madankollu mingħajr ma jissostitwixxuhom [...]. **Jenħtieġ li l-metodu ta' komunikazzjoni wiċċ imb wiċċ, inkluż dik mal-awtoritajiet kompetenti u mas-servizzi ta' appoġġ, jibqgħu disponibbli għall-vittmi, jekk dawn jixtiequ hekk.**

PUBLIC

(4) Sabiex jiġu żgurati mezzi komprensivi ta' komunikazzjoni li jqisu l-kumplessità tal-ħtiġijiet tal-vittmi fir-rigward tad-dritt tagħhom li jaċċessaw l-informazzjoni, jenħtieġ li l-vittmi kollha, indipendentement minn fejn fl-UE u f'liema ċirkostanzi seħħ ir-reat, ikunu jistgħu jaċċessaw il-helplines tal-vittmi billi jużaw in-numru tat-telefown 116 006 madwar l-UE kollha [...]. **L-Istati Membri jistgħu joffru tali servizzi wkoll permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni siguri u aċċessibbli oħrajn, inkluż applikazzjonijiet online u siti web.** Fl-ambitu ta' dawn il-helplines, jenħtieġ li l-vittmi jkunu jistgħu jirċievu l-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, appoġġ emozzjonali u jiġu riferuti lill-pulizija jew lil servizzi oħrajn, inkluż helplines speċjali**sti**[...] oħrajn – jekk ikun meħtieġ. **Il-helplines jistgħu jiġu operati minn voluntiera mħarrġa li huma kapaċi jipprovdu appoġġ emozzjonali li jista' jinftiehem bħala approċċ empatetiku lejn il-vittmi biex dawn iħossuhom aċċettati, sikuri u jkunu jistgħu jesprimu ruħhom b'mod liberu.** Jenħtieġ li dawn il-helplines jirreferu wkoll lill-vittmi għal helplines speċjali**sti**[...] oħrajn, imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE[8], bħan-numru armonizzat relatat mal-helpline għat-tfal "116 111", tfal neqsin "116 000" u vjolenza abbażi tal-ġeneru "116 116". **Jenħtieġ li l-helplines ikunu disponibbli bil-lingwa jew bil-lingwi uffiċjali, kif determinati mil-liġi nazzjonali, tal-Istat Membru. Madankollu l-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu dan is-servizz ukoll b'mill-anqas lingwa waħda oħra li tintuża b'mod komuni fl-Istat Membru u li jenħtieġ li tiġi ddeterminata minn kull Stat Membru abbażi ta' kriterji oġġettivi. Sabiex ikun iktar faċli biex dan is-servizz jiġi offrut b'lingwa addizzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw l-użu ta' teknoloġiji moderni, bħall-applikazzjonijiet tat-traduzzjoni u tal-interpretazzjoni, kif ukoll l-interpretazzjoni telefonika. Jenħtieġ li l-helplines joperaw taħt ir-regoli ġenerali tas-servizzi ta' appoġġ għall- vittmi u jenħtieġ li jkunu kunfidenzjali, bla ħlas, fl-interess tal-vittmi.**

PUBLIC

[8] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-irriservar tal-firxa nazzjonali ta' numri li jibdew b'"116" għal numri armonizzati ta' servizzi armonizzati ta' valur soċjali (ĠU L 049, 17.2.2007, p. 30).

(5) Jenħtieġ li l-helpline ġenerali għall-vittmi ma jaffettwax l-operat tal-helplines iddedikati u speċjalizzati bħall-helplines tat-tfal u l-helplines għall-vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika kif meħtieġ skont id-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] [dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika]. Jenħtieġ li l-helplines ġenerali tal-vittmi jiffunzjonaw flimkien mal-helplines speċjalizzati.

PUBLIC

[9] Id-Direttiva (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (ĠU ...).

(6) Jenħtieġ li r-rapportar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ripetuta[...] u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri. Huwa meħtieġ li tiġi miġġielda l-insensittività pubblika lejn il-kriminalità, billi l-vittmi jiġu [...] assisti**ti** u billi jinħolqu ambjenti aktar sikuri għall-vittmi biex jirrapportaw il-kriminalità. **[...] Huwa importanti li l-Istati Membri jiżguraw li l-vittmi li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi, irrispettivament mill-istatus ta' residenza tagħhom, ma jkunux skoraġġuti milli jirrapportaw u li jiġu ttrattati b'mod nondiskriminatorju fir-rigward tal-istatus ta' residenza tagħhom f'konformità mal-objettivi ta' din id-Direttiva. Biex il-vittmi kollha jiġu protetti minn vittimizzazzjoni, huwa importanti li jiġi applikat approċċ iċċentrat fuq il-vittma. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-infurzar tal-proċedura ta' ritorn skont id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] ma jipprevjenix lill-vittmi milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jinstemgħu skont din id-Direttiva. L-Istati Membri, f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE, jistgħu jiddeċiedu li jagħtu permess ta' residenza awtonomu jew awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn għal raġunijiet ta' kompassjoni, umanitarji jew raġunijiet oħra lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju tagħhom, u għandhom jikkonformaw mal-obbligu skont dik id-Direttiva biex, sa fejn possibbli, jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli matul il-perjodu għat-tluq volontarju, meta tali perjodu jkun ingħata skont dik id-Direttiva.**

PUBLIC

**10 Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (*ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98*).**

Jenħtieġ li l-vittmi vulnerabbli kollha, bħall-vittmi tfal jew il-vittmi f'detenzjoni, li jinsabu f'sitwazzjoni ta' intimidazzjoni, jew li inkella jkunu dipendenti mill-awtur tar-reat jew li l-mobilità tagħhom tkun limitata, ikunu jistgħu jirrapportaw il-kriminalità f'kundizzjonijiet li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom u f'konformità ma' **kwalunkwe** protokoll [...] **jew linja gwida rilevanti** stabbilita speċifikament għal dan il-għan. **Huwa importanti li l-Istati Membri jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li tkun taf dwar jew tissuspetta, in bona fide, li jkunu seħħew reati kriminali, jew li jkunu mistennija aktar atti ta' vjolenza, sabiex tirrapporta dan lill-awtoritajiet kompetenti.**

**(6a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiffaċilitaw ir-riferiment tal-vittmi bi ħtieġa speċjali ta' appoġġ psikoloġiku addizzjonali, li tkun evidenti minn valutazzjoni individwali, għas-servizzi li jistgħu jipprovdu t-tali appoġġ psikoloġiku addizzjonali, b'kont meħud tad-disponibbiltà tar-riżorsi u ta' dawn is-servizzi.**

(7) Jenħtieġ li servizzi ta' appoġġ immirati u integrati jkunu disponibbli għal firxa wiesgħa ta' vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-vittmi jistgħu jinkludu mhux biss vittmi ta' vjolenza sesswali, vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vittmi ta' vjolenza domestika , iżda anke vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, vittmi ta' reati organizzati, vittmi b'diżabilità, vittmi ta' sfruttament, vittmi ta' reati ta' mibegħda, vittmi ta' terroriżmu jew vittmi ta' **reati li jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali** [...]. B'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni, l-Istati Membri [...] **jistgħu** jistabbilixxu protokolli speċifiċi jew linji gwida li ser jorganizzaw l-azzjonijiet ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzat biex jindirizzaw [...] **b'mod adegwat** il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Jenħtieġ li dawn il-protokolli **jew linji gwida** jiġu stabbiliti f'koordinazzjoni u f'kooperazzjoni bejn **il-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-awtoritajiet ċentrali f'konformità mal-istruttura interna jew id-diviżjoni ta' kompetenzi fl-Istati Membri**, l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni, **l-awtoritajiet ġudizzjarji** [...], l-awtoritajiet ta' detenzjoni, **f'konsultazzjoni mas-**servizzi tal-ġustizzja restorattiva u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi.

PUBLIC

(8) Sabiex jiġu evitati konsegwenzi serji ta' vittimizzazzjoni f'età bikrija, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv [...] il-ħajja kollha tal-vittmi, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-vittmi tfal kollha jirċievu l-ogħla standard ta' appoġġ u protezzjoni. **Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti kollha jadottaw approċċ adattat għat-tfal. Barra minn hekk, huwa importanti li** [...] **l-**vittmi tfal l-aktar vulnerabbli, **skont il-ħtiġijiet individwali tagħhom u b'mod speċjali** [...] tfal vittmi ta' abbuż sesswali**[...]** jibbenefikaw mis-servizzi ta' appoġġ u protezzjoni mmirati u integrati inkluż approċċ tal-**awtoritajiet** ġudizzjarji u tas-servizzi soċjali li jkun koordinat u kooperat[...]**iv** [...]. **L-Istati Membri huma mħeġġa li fejn possibbli jipprevedu dawn is-servizzi fl-istess bini.** [...] Sabiex jiġi żgurat li l-vittmi tfal ikunu protetti b'mod effettiv f'każijiet fejn reat jinvolvi lil min ikollu r-responsabbiltà ta' ġenitur**[...] b'mod li jinkludi** kunflitt ta' interess bejn il- **vittmi** tfal u min ikollu r-responsabbiltà ta' ġenitur, żdiedet dispożizzjoni biex jiġi żgurat li [...] **għal kwalunkwe att fit-twettiq ta' proċedimenti kriminali li jirrikjedi kunsens,** bħar-rapportar ta' reat, intervisti mediċi jew forensiċi, ir-riferiment għal servizzi ta' appoġġ jew appoġġ psikoloġiku, [...] **kif determinat mil-liġi nazzjonali,** jenħtieġ li dawn l-atti ma jkunux kundizzjonali fuq il-kunsens ta' min ikollu r-responsabbiltà ta' ġenitur, dejjem b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.

PUBLIC

**(8a) Il-parteċipazzjoni fi proċess kriminali tista' tkun esperjenza iebsa u diffiċli emozzjonalment għall-vittmi. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-vittmi kollha li jeħtieġu informazzjoni u appoġġ emozzjonali fil-bini tal-qorti fejn isiru l-proċedimenti kriminali, b'enfasi speċjali fuq reati serji, jingħataw l-informazzjoni xierqa dwar l-aspetti organizzazzjonali tal-fażi tal-proċess kriminali fil-proċedimenti tal-qorti kriminali, kif ukoll appoġġ emozzjonali. L-appoġġ emozzjonali jista' jinftiehem bħala approċċ empatetiku lejn il-vittmi biex dawn iħossuhom aċċettati, sikuri u jkunu jistgħu jesprimu ruħhom b'mod liberu. L-appoġġ emozzjonali jista' jiġi offrut, pereżempju, mill-persunal tal-qorti, minn voluntiera mħarrġa, jew minn awtoritajiet kompetenti kif definit mill-Istati Membri. Tali assistenza ma teħtieġx il-forniment ta' faċilitajiet addizzjonali jew il-preżenza permanenti ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi f'dawn il-binjiet tal-qorti.**

PUBLIC

(9) [...] **J**enħtieġ li l-vittmi kollha fl-Unjoni, [...] **f'konformità mal-**istatus tagħhom fil-proċediment kriminali, ikollhom id-dritt li **jirċievu informazzjoni** [...] dwar deċiżjonijiet li ttieħdu matul il-proċedimenti tal-qorti [...] **rigward** miżuri ta' protezzjoni speċjali disponibbli għall-vittmi bi ħtiġijiet ta' protezzjoni speċjali. **Il-liġi nazzjonali tista' toffri l-possibbiltà għall-vittmi li jitolbu rieżami ta' tali deċiżjonijiet meħuda matul il-proċedimenti tal-qorti.** Jenħtieġ li r-regoli proċedurali li taħthom il-vittmi jistgħu jitolbu rieżami ta' tali deċiżjonijiet meħuda matul il-proċedimenti tal-qorti jiġu ddeterminati mil-liġi nazzjonali**.** [...]

PUBLIC

**(9a) Il-protezzjoni tad-data personali tal-vittma tista' tkun mezz importanti għall-prevenzjoni ta' vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, intimidazzjoni u ritaljazzjoni. Il-vittma tista' tindika tħassib possibbli dwar riskju għaliha nfisha jew għal persuna terza li tkun esposta għal theddid jew vjolenza meta ċerti dettalji ta' kuntatt personali jiġu żvelati lill-awtur tar-reat, li abbażi tagħhom l-awtorità kompetenti tagħmel valutazzjoni finali. Jekk l-awtoritajiet kompetenti, kif determinat mil-liġi nazzjonali, jivvalutaw ex officio jew fuq talba tal-vittma li jista' jkun hemm riskju li l-vittma jew persuna terza tista' tkun esposta għal theddid jew vjolenza, jenħtieġ li ċerti dettalji ta' kuntatt personali ma jiġux ipprovduti lill-awtur tar-reat sakemm in-nuqqas ta' żvelar tal-informazzjoni ma jippreġudikax id-drittijiet tad-difiża.**

PUBLIC

(10) Jenħtieġ li l-vittmi kollha ssirilhom valutazzjoni b'mod f'waqtu, adegwat, effiċjenti u proporzjonat**, f'konformità mal-proċeduri nazzjonali**. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali tagħhom. Jenħtieġ li l-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet ta' appoġġ u protezzjoni tal-vittmi **ddum kemm ikun hemm bżonn, skont il-ħtiġijiet individwali tal-vittmi. Dan ifisser li jenħtieġ li l-valutazzjoni** ssir fi stadji, **xi vittmi ser ikollhom biss kuntatt ma' servizz tal-pulizija, vittmi oħra ser jgħaddu minn stadji ulterjuri ta' valutazzjoni individwali. Il-ħtiġijiet tal-vittmi għall-appoġġ u l-protezzjoni jistgħu jinbidlu matul il-proċedimenti kriminali.** [...]**Jenħtieġ** li l-vittmi kollha ssirilhom valutazzjoni **fl-aktar stadju bikri possibbli bħall-** [...]ewwel kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti, **pereżempju l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-prosekuzzjoni,** biex jiġi żgurat li l-vittmi l-aktar vulnerabbli jiġu identifikati fl-istadji bikrija ħafna tal-proċediment. Mill-istadji li jmiss, jenħtieġ li l-vittmi li jeħtieġu valutazzjoni mtejba bħal din issirilhom valutazzjoni **mill-awtoritajiet kompetenti jew kwalunkwe istituzzjoni, organizzazzjoni jew korp ieħor, bħas-**servizzi ta' appoġġ għall-vittmi **u fejn possibbli minn** psikologi. [...] **Jenħtieġ li l-kuntatt mal-helplines ma jitqiesx bħala l-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti**. Jenħtieġ li l-valutazzjoni individwali tqis ukoll**, abbażi tal-informazzjoni disponibbli,** is-sitwazzjoni tal-awtur, li jista' jkollu storja ta' vjolenza, ikun fil-pussess ta' armi jew jabbuża mid-drogi u bħala tali joħloq riskji ogħla għall-vittmi. Jenħtieġ li l-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi tinkludi wkoll il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' appoġġ tal-vittmi, mhux biss tal-protezzjoni. Huwa essenzjali li jiġu identifikati l-vittmi li jeħtieġu appoġġ speċjali, biex b'hekk jingħata appoġġ immirat bħal għajnuna psikoloġika [...] lil dawk li jeħtiġuha. **L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw l-organizzazzjoni prattika tal-valutazzjoni individwali permezz ta' kwalunkwe protokoll jew linja gwida rilevanti kif previst f'din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe data personali tiġi ttrattata f'konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, li tista' tirrikjedi l-provvediment ta' miżuri leġiżlattivi jekk ikun meħtieġ.**

PUBLIC

(11) Bħala riżultat tal-valutazzjoni mtejba tal-ħtiġijiet tal-vittmi għall-protezzjoni, jenħtieġ li l-vittmi li jeħtieġu protezzjoni fiżika jkunu jistgħu jirċevuha f'forma adattata għas-sitwazzjoni partikolari tagħhom. Tali miżuri [...] **jistgħu, f'konformità mal-liġi nazzjonali,** jinkludu l-preżenza ta' awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, **jew korpi oħra li jipprovdu protezzjoni fiżika,** jew **li jżommu** [...] l-awtur tar-reat **lil hinn mill-vittma** abbażi ta' ordnijiet nazzjonali ta' protezzjoni. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu ta' natura kriminali, amministrattiva jew tad-dritt ċivili.

(12) [...][11][...]

[11] [...]

PUBLIC

(13) Il-vittmi ma jistgħux jibbenefikaw b'mod effettiv mid-drittijiet tagħhom għall-informazzjoni, għall-appoġġ u għall-protezzjoni f'konformità mal-ħtiġijiet individwali tagħhom jekk ikunu qed jiffaċċjaw l-iskemi tal-ġustizzja nazzjonali li ma jkollhomx kooperazzjoni u koordinazzjoni fost dawk li jiġu f'kuntatt mal-vittmi. Mingħajr kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib tal-**partijiet ikkonċernati rilevanti bħall- awtoritajiet ċentrali f'konformità mal-istruttura interna jew id-diviżjoni tal-kompetenzi fl-Istati Membri,** [...] l-infurzar tal-liġi, **l-awtoritajiet**tal-prosekuzzjoni, [...] **l-awtoritajiet ġudizzjarji,**, **l-awtoritajiet tad-detenzjoni, f'konsultazzjoni mas-**servizzi **tal-ġustizzja** restorattiva, [...] u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, huwa diffiċli għall-vittmi li **jeżerċitaw** b'mod effettiv [...] id-drittijiet tagħhom skont **din** id-Direttiva [...]. Awtoritajiet oħrajn, bħall-dawk tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali, huma mħeġġa jkunu parti minn din il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni. Dan jgħodd partikolarment fir-rigward ta' vittmi tfal.

PUBLIC

(14) [...] **I**[...]l-protokolli **jew linji gwida** huma essenzjali biex jiġi żgurat **pereżempju** li l-vittmi jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom u li l-vittmi ssirilhom valutazzjoni b'mod adegwat biex ikunu jistgħu jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali ta' kull vittma li jinbidlu maż-żmien. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti protokolli **jew linji gwida ta' natura mhux vinkolanti** [...] b'mod li jikkorrispondi bl-aħjar mod għall-ordnijiet ġuridiċi nazzjonali u għall-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri. [...] **Dawn il-protokolli jew linji gwida jistgħu jkopru** [...] l-azzjonijiet dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-vittmi, l-iffaċilitar tar-rapportar tal-kriminalità għall-vittmi l-aktar vulnerabbli, inkluż dawk f'detenzjoni u l-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi. **Fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni lill-vittmi, il-protokolli jistgħu jiżguraw li tali informazzjoni tkun sempliċi u faċli biex tinftiehem, ipprovduta fil-ħin, ripetuta maż-żmien, f'diversi formati inkluż bil-fomm, bil-miktub u b'mod diġitali. Fir-rigward tal-vittmi f'detenzjoni, il-protokolli jistgħu jispeċifikaw l-aċċess tal-vittmi għall-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, il-metodi ta' rapportar tal-kriminalità u l-aċċess għall-appoġġ u l-protezzjoni f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom.** [...] Il-protokolli **jew linji gwida** [...] **jistgħu** jipprevedu struzzjonijiet ġenerali dwar kif għandhom jiġu ttrattati s-servizzi u l-azzjonijiet skont **din** id-Direttiva [...] b'mod komprensiv mingħajr madankollu ma jiġu ttrattati każijiet individwali. **F'dan il-kuntest, huwa importanti li, fejn xieraq, l-Istati Membri jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa biex jippermettu l-ġbir u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni, inkluża informazzjoni li jkun fiha data personali tal-vittmi bejn l-awtoritajiet kompetenti u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi biex jiżguraw l-aċċess għall-informazzjoni u l-appoġġ u l-protezzjoni xierqa tal-vittmi individwali. Jenħtieġ li l-istabbiliment ta' protokolli jew linji gwida jkun mingħajr preġudizzju għall-metodi diġà eżistenti ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti u persuni oħra li jiġu f'kuntatt mal-vittmi fl-Istati Membri.**

PUBLIC

**(14a) It-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jistgħu jinkludu, pereżempju, emails, messaġġi fuq l-internet, chats diretti, telefonati bil-video u portali online b'aċċess għall-informazzjoni lill-parteċipanti rreġistrati. L-Istati Membri huma liberi li jiddeċiedu liema mezzi ta' komunikazzjoni huma l-aktar adattati fir-rigward tad-dispożizzjonijiet differenti ta' din id-Direttiva. L-informazzjoni mill-ewwel kuntatt ma' awtorità kompetenti tista' tiġi pprovduta elettronikament f'format standard. Jenħtieġ li l-metodu ta' komunikazzjoni wiċċ imb wiċċ, inkluż dik mal-awtoritajiet kompetenti u mas-servizzi ta' appoġġ, jibqgħu disponibbli għall-vittmi, jekk dawn jixtiequ hekk. Fejn is-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri jeħtieġu metodi speċifiċi ta' identifikazzjoni u firma elettronika, jenħtieġ li dawk is-sistemi jagħtu lill-vittmi residenti ta' Stati Membri oħra opportunitajiet ta' aċċess ekwu f'konformità mar-Regolament eIDAS.**

(15) Jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji biex jiżguraw konformità effettiva mal-miżuri stabbiliti **f'din** id-Direttiva [...]. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-istabbiliment ta' helplines tal-vittmi, filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzati u valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi għall-protezzjoni u għall-appoġġ, inkluż fejn dawn is-servizzi jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi.

PUBLIC

(16) L-Unjoni u l-Istati Membri huma partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità[12] u huma marbuta bl-obbligi tagħha sal-punt tal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Skont l-Artikolu 13 ta' dik il-Konvenzjoni, l-Istati Partijiet huma obbligati jiżguraw aċċess effettiv għall-ġustizzja għal persuni b'diżabilità fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, għalhekk, il-ħtieġa li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà u li tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli sabiex il-vittmi b'diżabilità jgawdu d-drittijiet tagħhom bħala vittmi fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. **Kif definit mill-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, "akkomodazzjoni raġonevoli" tfisser modifika u aġġustamenti meħtieġa u xierqa li ma jimponux piż sproporzjonat jew bla bżonn, fejn meħtieġ f'każ partikolari, biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jgawdu jew jeżerċitaw fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha.** Ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dik il-Konvenzjoni u jiżguraw li d-drittijiet tal-vittmi stabbiliti minn **din** id-Direttiva [...] jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

(17) Jenħtieġ li l-Eurojust tiżgura li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lit-talbiet li jikkonċernaw id-drittijiet tal-vittmi f'konformità mal-mandat tagħha skont ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**[14]**.

[12] ĠU L 23, 27.1.2010, p. 37.

[13] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

[14] **Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138).**



PUBLIC

(18) Il-ġbir ta' data akkurata u koerenti u l-pubblikazzjoni f'waqtha ta' data u statistika miġbura huma fundamentali biex jiġi żgurat għarfien sħiħ dwar id-drittijiet tal-vittmi tal-krimilaità fl-Unjoni. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Istati Membri biex, meta tkun disponibbli fil-livell ċentrali, jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri nazzjonali dwar il-vittmi tal-kriminalità kull tliet snin b'mod armonizzat hija mistennija li tikkostitwixxi pass rilevanti biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki u strateġiji informati bid-data. Jenħtieġ li l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tkompli tassisti lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri fil-ġbir, fil-produzzjoni u fit-tixrid tal-istatistika dwar il-vittmi tal-kriminalità u fir-**rapportar tad-data disponibbli fil-livell ċentrali li turi [...]** kif il-vittmi jkunu aċċessaw id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva.

(19) Il-prinċipju tal-effettività tad-dritt tal-Unjoni jirrikjedi li l-Istati Membri jimplimentaw rimedji adegwati u effettivi fil-każ li jkun hemm ksur ta' dritt mogħti lil individwi skont id-dritt tal-Unjoni. **Abbażi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,** jenħtieġ li jkun disponibbli rimedju effettiv meta d-drittijiet skont **din** id-Direttiva [...] jiġu mminati jew irrifjutati kompletament jew parzjalment.

**(19a) Bħala Direttiva orizzontali, din id-Direttiva ma taffettwax dispożizzjonijiet aktar estensivi li jinsabu f'atti oħra tal-Unjoni li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kategoriji partikolari ta' vittmi, bħall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, il-vittmi ta' abbuż sesswali, u l-isfruttament sesswali tat-tfal, inkluż materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika u vittmi tat-terroriżmu, b'mod aktar immirat.**

(20) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba l-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali billi tiġi żgurata l-fiduċja f'aċċess ugwali għad-drittijiet tal-vittmi irrispettivament minn fejn seħħ ir-reat fl-UE, iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala u l-effetti tal-miżuri previsti, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(21) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma hijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u ma hijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

PUBLIC

(22) [...]F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda innotifikat [...]bl-ittra tas-**27 ta' Ottubru 2023**[...],[...] ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.[...]
[...]

(23) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] u ta opinjoni fil-[XX XX 2023][16],

(24) Għaldaqstant, id-Direttiva 2012/29/UE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

PUBLIC

---

[15] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

[16] [UP: Nota f'qiegħ il-paġna ladarba tkun disponibbli]

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2012/29/UE hija emendata kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 3a*

**Helpline għall-vittmi**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu helplines għall-vittmi li jkunu faċilment aċċessibbli, faċli għall-utent, kunfidenzjali u mingħajr ħlas li:

   (a) jipprovdu lill-vittmi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1);

   (b) joffru appoġġ emozzjonali;

   (c) jirreferu lill-vittmi għal servizzi ta' appoġġ speċjali**sti**[...] u/jew helplines speċjali**sti**[...] jekk ikun meħtieġ.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-forniment tal-helplines imsemmija fil-paragrafu 1 permezz ta' linja telefonika [...] **aċċessibbli permezz tan-**numru armonizzat tal-UE "116 006"**, li tista' topera flimkien ma' kwalunkwe numru nazzjonali eżistenti,** u **jistgħu jipprovdu tali servizzi wkoll** permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni **siguri u aċċessibbli** oħra, inkluż **applikazzjonijiet online u** siti web.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw id-disponibbiltà tas-servizzi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 [...] **bil-lingwa jew** lingwi [...] **uffiċjali tal-Istati Membri kif determinat mil-liġi nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw il-forniment ta' dawk is-servizzi** [...] b'mill-inqas lingwa **waħda oħra** [...] **[...]** l-aktar użata fl-Istat Membru.

4. Il-helplines jistgħu jiġu stabbiliti minn organizzazzjonijiet pubbliċi jew mhux governattivi u jistgħu jiġu organizzati fuq bażi professjonali jew volontarja.";

PUBLIC

(2) jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

*"Artikolu 5a*

**Rapportar ta' reati**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jirrapportaw reati kriminali lill-awtoritajiet kompetenti**, fejn xieraq u flimkien ma' metodi diġà eżistenti għar-rapportar tal-kriminalità,** permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent. Din il-possibbiltà għandha tinkludi s-sottomissjoni ta' evidenza fejn fattibbli. **Tali possibbiltajiet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-regoli proċedurali nazzjonali dwar il-formalizzazzjoni tar-rapportar online u s-sottomissjoni tal-evidenza.**

[...]

**2.**[...] L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jirrapportaw b'mod effettiv reati mwettqa f'faċilitajiet ta' detenzjoni. Minbarra l-ħabsijiet, iċ-ċentri ta' detenzjoni u ċ-ċelel għal persuni ssuspettati u akkużati, **u** l-faċilitajiet ta' detenzjoni għandhom jinkludu faċilitajiet ta' detenzjoni speċjalizzati għal applikanti għal protezzjoni internazzjonali u ċentri ta' qabel it-tneħħija[...]**.** [...]

**Il-possibbiltà li r-reati jiġu rrapportati b'mod effettiv tapplika wkoll** għaċ-ċentri ta' akkomodazzjoni fejn jinsabu l-applikanti u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali.

**3.**[...] Meta t-tfal **jikkuntattjaw lill-awtoritajiet kompetenti biex** jirrapportaw reati kriminali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' rapportar ikunu sikuri, **jitwettqu b'mod** kunfidenzjali **f'konformità mal-liġi nazzjonali, ikunu** mfassla u aċċessibbli b'mod u b'lingwa li huma sensittivi għat-tfal, f'konformità mal-età u l-maturità tagħhom.

PUBLIC

[...]

(3) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jiġu kkuntattjati mis-servizzi ta' appoġġ ġenerali jew speċjali**sti**[...] rilevanti jekk il-valutazzjoni individwali msemmija fl-Artikolu 22 turi l-ħtieġa għal appoġġ u l-vittma tagħti l-kunsens biex tiġi kkuntattjata minn servizzi ta' appoġġ jew jekk il-vittma titlob appoġġ.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. **L-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jiżguraw** [...] li s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi [...] jibqgħu operattivi fi żminijiet ta' kriżi, bħal kriżijiet tas-saħħa[...] jew stati oħra ta' emerġenza **bil-ħsieb li jindirizzaw mill-inqas il-ħtiġijiet bażiċi tal-vittmi**.";

PUBLIC

(4) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) appoġġ emozzjonali u, fejn disponibbli, psikoloġiku [...]. Jekk il-ħtieġa speċjali għal appoġġ psikoloġiku **addizzjonali** tkun intweriet permezz ta' valutazzjoni individwali msemmija fl-Artikolu 22, **l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw ir-riferiment tal-vittmi għal servizzi li jistgħu jipprovdu** appoġġ psikoloġiku [...] **addizzjonali, kif determinat mil-liġi nazzjonali, b'kont meħud ta' kwalunkwe protokoll rilevanti jew linja gwida msemmija fl-Artikolu 26a(1)**.";

(b) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) appoġġ immirat u integrat, inkluż appoġġ u konsulenza għat-trawma, għall-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi, bħall-vittmi ta' vjolenza sesswali, il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika koperti mid-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] [*dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika*], il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin **koperti mid-Direttiva (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (li temenda d-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu)**,, il-vittmi ta' reati organizzati, il-vittmi b'diżabilità, il-vittmi tal-isfruttament, il-vittmi ta' reati ta' mibegħda, il-vittmi tat-terroriżmu, il-vittmi ta' **reati li jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali [...]**.";

[17] Id-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (ĠU ...).";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu s-servizzi ta' protezzjoni u ta' appoġġ speċjalisti meħtieġa**, f'konformità mal-proċeduri nazzjonali msemmija fl-Artikolu 22, il-paragrafu 1,** biex jindirizzaw **b'mod adegwat** [...] il-ħtiġijiet multipli ta' vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi **b'kont meħud ta'** [...] **kwalunkwe** protokoll**[...] jew linja gwida** msemmija fl-Artikolu 26a(1), il-punt (c)."

(5) jiddaħħal dan l-Artikolu 9a li ġej fil-Kapitolu II:

*"Artikolu 9a*

**Servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għat-tfal**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw id-disponibbiltà ta' servizzi **ta' appoġġ** [...] għat-tfal mmirati u integrati għat-tfal biex jipprovdu appoġġ u protezzjoni xierqa għall-età meħtieġa biex jindirizzaw b'mod komprensiv l-għadd kbir ta' ħtiġijiet tal-vittmi tfal.

2. Is-servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għall-vittmi tfal għandhom**, f'konformità mal-paragrafu 4,** jipprevedu mekkaniżmu kkoordinat bejn diversi aġenziji li jinkludi s-servizzi li ġejjin:

(a) l-għoti ta' informazzjoni **kif imsemmi fl-Artikoli 4**;

(b) eżamijiet mediċi;

(c) appoġġ emozzjonali u psikoloġiku;

(d) il-possibbiltà ta' rapportar tal-kriminalità;

(e) valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni u ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 22;

(f) reġistrazzjoni bil-video tat-testimonjanzi msemmija fl-Artikolu 24(1)(**a**).

3. **Uħud jew kollha**[...] mis-servizzi msemmija fil-paragrafu 2 [...] **jistgħu** jiġu pprovduti fl-istess bini.";

**4. Is-servizzi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu pprovduti skont il-ħtiġijiet individwali tal-vittmi. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għas-serjetà tal-ħsara mġarrba minn vittmi tfal, speċjalment ħsara minn reati sesswali.**

(6) jiddaħħlu l-Artikoli 10a u 10b li ġejjin:

*"Artikolu 10a*

Id-dritt li wieħed [...] **jirċievi informazzjoni u appoġġ emozzjonali** fil-bini tal-qorti

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex [...]**jiżguraw li l-vittmi jirċievu** fil-bini tal-qorti [...] informazzjoni **ġenerali dwar aspetti organizzattivi tal-fażi tal-proċess fil-proċedimenti tal-qorti kriminali** u appoġġ emozzjonali [...]. **Tali informazzjoni u appoġġ għandhom jiġu pprovduti jekk ikun meħtieġ skont il-ħtiġijiet individwali tal-vittmi.**

*Artikolu 10b*

Dritt għal [...] **informazzjoni dwar** deċiżjonijiet meħuda matul il-proċedimenti tal-qorti

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi, **f'konformità mal-istatus tagħhom fil-proċedimenti kriminali kif definit skont il-liġi nazzjonali,** jiġu infurmati mingħajr dewmien **b'** deċiżjoni**[...] prevista fl-Artikolu 23(3),** meħuda fi proċedimenti tal-qorti [...]. **L-Istati Membri jistgħu jipprovdu l-possibbiltà għall-vittmi li jitolbu rieżami tad-deċiżjonijiet skont l-Artikolu 23(3).** [...]



PUBLIC

2. **Fejn il-vittmi jistgħu jitolbu rieżami ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 23(3),** [...]ir-regoli proċedurali [...] **għal tali rieżami** għandhom jiġu ddeterminati mil-liġi nazzjonali.

[...] **Id-deċiżjonijiet skont l-Artikolu 23(3) u kwalunkwe kunsiderazzjoni ta' rieżami ta' tali deċiżjoni ma għandhomx itawlu b'mod mhux raġonevoli l-proċedimenti kriminali.";**

[...]

PUBLIC

(**7**[...]) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) li jsir rikors sa fejn ikun possibbli **f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali** għad-dispożizzjonijiet dwar il-vidjokonferenzi [...] biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali ta' vittmi li huma residenti barra mill-pajjiż, **f'konformità mal-istatus tagħhom skont ir-regoli proċedurali applikabbli**.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. **F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1727,**[18] l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu assistenza mill-Eurojust u jittrażmettu lill-Eurojust l-informazzjoni mmirata biex tiffaċilita l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħrajn f'każijiet transfruntieri.";

(**8**[...]) fl-Artikolu 21, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom **jieħdu l-miżuri meħtieġa biex** jiżguraw li**, jekk l-awtoritajiet kompetenti, ex officio jew abbażi ta' talba tal-vittma, jivvalutaw li jista' jkun hemm riskju li l-vittma jew persuna terza tista' tkun esposta għal theddid jew vjolenza,** id-data personali li tikkonċerna [...] l-post ta' residenza tal-vittma jew **[...] dettalji** ta' kuntatt **ekwivalenti oħra** [...] **ma** tiġix ipprovduta lill-awtur tar-reat [...] **sakemm in-nuqqas ta' żvelar tal-informazzjoni ma jippreġudikax id-drittijiet tad-difiża**.";

---

[18] **Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138.**



PUBLIC

(**9**[...]) L-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"Valutazzjoni individwali tal-vittmi biex jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi ta' appoġġ u ta' protezzjoni"**;

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi ssirilhom valutazzjoni f'waqtha u individwali**, f'konformità mal-proċeduri nazzjonali,** biex jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi ta' appoġġ u ta' protezzjoni u biex jiġi ddeterminat jekk u sa liema punt jibbenefikaw minn miżuri speċjali previsti skont l-Artikolu 9(1) il-punt (c), **fir-rigward ta' appoġġ psikoloġiku addizzjonali, 9a** u l-Artikoli 23 u 24, minħabba li jkunu partikolarment vulnerabbli għal vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, għal intimidazzjoni u għal ritaljazzjoni.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Il-valutazzjoni individwali għandha tinbeda [...] **fl-aktar stadju bikri possibbli bħal** fl-ewwel kuntatt tal-vittma mal-awtoritajiet kompetenti, u għandha ddum kemm ikun meħtieġ skont il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull vittma. Fejn ir-riżultat tal-istadju inizjali tal-valutazzjoni individwali mill-ewwel awtoritajiet ta' kuntatt juri l-ħtieġa li titkompla l-valutazzjoni, din il-valutazzjoni għandha ssir **fejn xieraq** f'**koordinazzjoni** [...] mal-istituzzjonijiet u l-korpi skont l-istadju tal-proċedura u l-ħtiġijiet individwali tal-vittmi f'konformità ma' **kwalunkwe** [...] protokoll[...] **jew linja gwida** rilevanti msemmija fl-Artikolu 26a.";

(d) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"2. Il-valutazzjoni individwali għandha tqis:

(a) il-karatteristiċi personali tal-vittma, inkluż esperjenzi rilevanti ta' diskriminazzjoni, anke meta jkunu bbażati fuq taħlita ta' diversi raġunijiet [...], bħall-ġeneru, l-età, id-diżabilità, ir-reliġjon jew it-twemmin, il-lingwa, l-oriġini razzjali, soċjali jew etnika, l-orjentazzjoni sesswali;

(b) it-tip jew in-natura tar-reat;

(c) iċ-ċirkostanzi tar-reat;

(d) ir-relazzjoni mal-awtur tar-reat u r-[...]**riskji li jippreżenta**.

3. Fil-kuntest tal-valutazzjoni individwali, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil:

(a) vittmi li ġarrbu ħsara konsiderevoli minħabba s-severità tar-reat;

(b) vittmi li jkunu sofrew reat imwettaq b'raġuni ta' preġudizzju jew diskriminatorja li, b'mod partikolari, jista' jkun relatat mal-karatteristiċi personali tagħhom;

(c) vittmi li r-relazzjoni u d-dipendenza tagħhom fuq l-awtur tar-reat jagħmluhom partikolarment vulnerabbli.

F'dan ir-rigward, il-vittmi ta' terroriżmu, kriminalità organizzata, traffikar tal-bnedmin, vjolenza abbażi tal-ġeneru, inklużi vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika, vjolenza sesswali, sfruttament jew reati ta' mibegħda, il-vittmi ta' **reati li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali** [...] u l-vittmi b'diżabilità għandhom jitqiesu kif meħtieġ. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-vittmi li jaqgħu taħt aktar minn waħda minn dawk il-kategoriji.";

PUBLIC

(e) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. Fil-kuntest tal-valutazzjoni individwali, għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-riskju li jirriżulta mill-awtur tar-reat**[...] kif imsemmi f'2(d). Dak ir-riskju jista' jinkludi** [...] r-riskju ta' mġiba vjolenti u ta' offiża fuq il-persuna, l-użu ta' armi, l-involviment fi grupp ta' kriminalità organizzata, abbuż tad-droga jew tal-alkoħol, abbuż tat-tfal, kwistjonijiet ta' saħħa mentali, l-imġiba ta' stalking, l-espressjoni tat-theddid jew diskors ta' mibegħda.";

(f) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Għall-fini ta' din id-Direttiva, il-vittmi tfal għandhom jitqiesu li għandhom ħtiġijiet speċifiċi ta' appoġġ u ta' protezzjoni minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom għal vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, għal intimidazzjoni u għal ritaljazzjoni. Biex jiġi ddeterminat jekk u sa liema punt huma jibbenefikaw minn miżuri speċjali kif previsti fl-ambitu tal-Artikoli 23 u 24, il-vittmi tfal għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni individwali kif previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Il-valutazzjoni individwali tal-vittmi tfal għandha tiġi organizzata fil-qafas ta' servizzi ta' appoġġ immirati u integrati msemmija fl-Artikolu 9a.";

(g) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-valutazzjonijiet individwali għandhom jitwettqu b'involviment mill-qrib tal-vittmi u għandhom iqisu x-xewqat tagħhom inkluż fejn dawn ma jkunux jixtiequ jibbenefikaw minn miżuri speċjali kif previst fl-Artikoli 8, 9, 9a, 23 u 24.";

(h) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej

PUBLIC

"7. [...]**L-Istati Membri għandhom jiżguraw li** l-valutazzjoni individwali [...] **tiġi rieżaminata skont il-ħtiġijiet individwali tal-vittma** biex jiġi żgurat li l-miżuri ta' appoġġ u ta' protezzjoni jkunu relatati mal-[...]**ħtiġijiet individwali** li jinbidlu tal-vittma. Jekk l-elementi li jifformaw il-bażi tal-valutazzjoni individwali ikunu nbidlu b'mod sinifikanti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li din tkun aġġornata matul il-proċedimenti kriminali.";

**(10) Fl-Artikolu 23, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

**"1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża u skont ir-regoli tad-diskrezzjoni ġudizzjarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni li jibbenefikaw minn miżuri speċjali identifikati bħala riżultat ta' valutazzjoni individwali prevista fl-Artikolu 22(1) jistgħu jibbenefikaw mill-miżuri previsti fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu. Miżura speċjali prevista wara l-valutazzjoni individwali ma għandhiex titpoġġa għad-dispożizzjoni jekk restrizzjonijiet operazzjonali jew prattiċi jagħmlu dan impossibbli, jew fejn ikun hemm [...] ħtieġa urġenti li tiġi interrogata l-vittma u jekk dan ma jsirx tkun tista' ssir ħsara lill-vittma jew persuna oħra jew tista' tippreġudika l-kors tal-proċedimenti."**

(11) fl-Artikolu 23, il-paragrafu 2, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) l-intervisti kollha mal-vittmi ta' vjolenza sesswali, vjolenza bbażata fuq il-ġeneru inklużi vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika koperti mid-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] [*dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika*], sakemm ma jsirux minn prosekutur jew minn imħallef, jitwettqu minn persuna tal-istess sess bħall-vittma, jekk il-vittmi jkunu jixtiequ hekk, dment li l-kors tal-proċedimenti kriminali ma jiġix ippreġudikat.";

[19] Id-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (ĠU ...).'

(12) fl-Artikolu 23, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. **[...]G**ħandhom ikunu disponibbli miżuri għall-protezzjoni fiżika tal-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni identifikati f'konformità mal-Artikolu 22(1) matul il-proċediment kriminali**. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu**:

(a) preżenza kontinwa jew temporanja ta' awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi **jew korpi oħra li jipprovdu protezzjoni fiżika f'konformità mal-liġi nazzjonali**;

(b) il-projbizzjoni, it-trażżin jew l-ordnijiet ta' protezzjoni biex tingħata protezzjoni lill-vittmi kontra kwalunkwe att ta' vjolenza, **f'konformità mal-liġi nazzjonali** [...]";

(13) fl-Artikolu 24, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Meta r-reat jinvolvi lil min ikollu r-responsabbiltà ta' ġenitur[...] **b'mod li jinkludi** kunflitt ta' interess bejn il-vittmi tfal u min ikollu r-responsabbiltà ta' ġenitur, l-Istati Membri għandhom iqisu l-aħjar interess tat-tfal u jiżguraw li**, kif determinat mil-liġi nazzjonali,** kwalunkwe att li jirrikjedi l-kunsens ma jkunx kundizzjonali fuq il-kunsens ta' min ikollu r-responsabbiltà ta' ġenitur.";

(14) l-Artikoli li ġejjin jiddaħħlu fil-Kapitolu 5:

PUBLIC

*"Artikolu 26a*

Protokolli **jew linji gwida** permezz ta' [...] koordinazzjoni u kooperazzjoni **fl-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw protokolli speċifiċi **jew linji gwida mhux vinkolanti** dwar l-organizzazzjoni ta' servizzi u azzjonijiet skont din id-Direttiva mill-awtoritajiet kompetenti u minn persuni oħrajn li jiġu f'kuntatt mal-vittmi. Il-protokolli **jew linji gwida** għandhom jitfasslu f'koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn **il-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-awtoritajiet ċentrali, f'konformità mal-istruttura interna jew id-diviżjoni ta' kompetenzi fl-Istati Membri,** l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni, [...]**l-awtoritajiet ġudizzjarji**, l-awtoritajiet ta' detenzjoni, **f'konsultazzjoni mas-**servizzi tal-ġustizzja restorattiva u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi **bil-ħsieb li jirrispondu għall-ħtiġijiet individwali tal-vittmi. L-Istati Membri huma mħeġġa jiżguraw li, bħala minimu, permezz t**[...]al-protokolli **jew linji gwida [...]**speċifiċi:

   (a) il-vittmi jirċievu informazzjoni li tkun adattata għall-ħtiġijiet individwali li jinbidlu tagħhom; [...]

   (b) il-vittmi li jinsabu **f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew f'ċentri ta' akkomodazzjoni fejn jinsabu applikanti u benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 5, paragrafu 3**[...]

   [...] jistgħu jiddependu fuq ir-rapportar iffaċilitat tar-reati;

   [...]

(c) il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi għall-appoġġ u għall-protezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 22, u l-għoti ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi, iqisu l-ħtiġijiet individwali tal-vittmi fi stadji differenti tal-proċedura kriminali.

**(d) jiġu pprovduti s-servizzi ta' protezzjoni u ta' appoġġ speċjalizzat meħtieġa biex jindirizzaw b'mod adegwat il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi kif imsemmi fl-Artikolu 9(4).**

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-protokolli **jew il-linji gwida** msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rieżaminati [...] **fejn meħtieġ** biex tiġi żgurata l-effettività tagħhom, **bħal f'każ ta' bidliet sinifikanti fil-liġi nazzjonali** [...]

[...]

*Artikolu 26b*

**L-użu ta'** [...] **teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tal-kriminalità jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom previsti fl-Artikolu 3a, l-Artikolu 4(1), l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 5a **(1) u (4),** l-Artikolu 6(1), (2), (4), (5) u (6) **[...] kif ukoll** l-Artikolu 10b **fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni lill-vittmi dwar deċiżjonijiet meħuda fil-proċedimenti tal-qorti billi** jużaw, **fejn disponibbli,** [...] **teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni**.

2. Il-vittmi tal-kriminalità ma għandhomx jiġu pprevenuti milli jaċċessaw jew jużaw b'mod ieħor, **fejn disponibbli, is-sistemi pprovduti mis-**sistemi nazzjonali li joffru t-**teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni** [...] msemmija fil-paragrafu 1 fuq il-bażi li jkunu residenti ta' Stat Membru ieħor.

PUBLIC

3. Meta s-sistemi nazzjonali li joffru **teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni** [...] jkunu jirrikjedu l-użu ta' identifikazzjoni, firem u siġilli elettroniċi, l-Istati Membri għandhom jippermettu l-użu ta' skemi ta' identifikazzjoni elettronika nnotifikati, firem elettroniċi kkwalifikati, u siġilli elettroniċi kkwalifikati ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor kif previst fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20].

*Artikolu 26c*

**Drittijiet ta' vittmi b'diżabilità**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi b'diżabilità jibbenefikaw fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor minn **teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni** [...] kif imsemmi fl-Artikolu 26b ta' din id-Direttiva billi jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21].

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi b'diżabilità jkunu jistgħu jaċċessaw fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, kwalunkwe proċedura kif ukoll is-servizzi ta' appoġġ u l-miżuri ta' protezzjoni koperti minn din id-Direttiva f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.

   L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli għall-vittmi b'diżabilità fuq talba.

---

[20] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

[21] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

*Artikolu 26d*

[...]

*"Artikolu 27a*

[...]

PUBLIC

[...]

(1**5**[...]) L-Artikolu 28 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 28*

**Għoti ta' data u statistika**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxi sistema għall-ġbir, għall-produzzjoni u għat-tixrid tal-istatistika dwar il-vittmi tal-kriminalità. **Meta disponibbli fil-livell ċentrali,** l-istatistika għandha tinkludi data rilevanti għall-applikazzjoni tal-proċeduri nazzjonali dwar il-vittmi tal-kriminalità, [...] **li tista' tinkludi** l-għadd u t-tip ta' reati rrapportati u l-għadd, l-età, is-sess tal-vittmi [...]. Dawn għandhom jinkludu wkoll [...] **data disponibbli fil-livell ċentrali li turi** kif il-vittmi jkunu aċċessaw id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva. **Għall-finijiet tal-istatistika msemmija f'din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri jistgħu jużaw data miġbura abbażi ta' strumenti rilevanti tal-Unjoni.**

PUBLIC

2. L-Istati Membri għandhom **jagħmlu ħilithom biex** jiġbru l-istatistika msemmija f'dan l-Artikolu abbażi ta' diżaggregazzjoni komuni żviluppata f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni (Eurostat). Huma għandhom jittrażmettu din id-data lill-Kummissjoni (Eurostat) kull tliet snin. Id-data trażmessa ma għandux ikun fiha data personali.

3. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għandha tappoġġa lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-ġbir, fil-produzzjoni u fit-tixrid tal-istatistika **disponibbli** dwar il-vittmi tal-kriminalità u fir-rapportar **ta' data disponibbli li turi** [...] kif il-vittmi jkunu aċċessaw id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva.

4. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tappoġġa lill-Istati Membri fil-ġbir tad-data msemmi fil-paragrafu 1, inkluż billi tistabbilixxi standards komuni**.** [...]

5. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-istatistika miġbura disponibbli għall-pubbliku. L-istatistika ma għandux ikun fiha data personali**";**

[...]

PUBLIC

(1**6[...]**) L-Artikolu 29 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 29*

**Rapportar mill-Kummissjoni u rieżami**

Sa [*sitt snin wara l-adozzjoni*], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jivvaluta l-punt sa fejn l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva, inkluża l-implimentazzjoni teknika.

Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun meħtieġ, minn proposta leġiżlattiva.";

PUBLIC

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva [*sa sentejn wara d-dħul fis-seħħ*] bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 26b li għandhom jiġu adottati u ppubblikati [*sa erba' snin wara d-dħul fis-seħħ*]. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif għandha issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

PUBLIC